Rapport ta’ Ħidma: Kunsill Lokali Ħad-Dingli 2010

<u>Tmexxija Serja</u>

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli matul dawn l-aħħar snin dejjem kellu pożizzjoni finanzarja tiegħu tajba. Il-*bank loan* ta’ €70,000 sabiex jitlesta l-bini Amministrattiv tal-Kunsill issa ġiet imħallsa kollha. Il-pagamenti ta' din il-*bank loan* dejjem tħallsu fil-ħin u l-aħħar pagament sar propju fix-xhar ta’ Mejju 2010.

Il-Kunsill dejjem mexa mal-liġijiet finanzjarji tiegħu, u dan anke skont kif jixhed mir-rapporti li jsiru mill-awdituri tal-Gvern Ċentrali kull sena.

Skont ir-rapporti ppreżentati lill-Kunsill Lokali jidher li l-Kunsill Lokali mexa fuq il-*budgets* tiegħu għal matul din is-sena u spiċċa b'*surplus* akkomolattiv.

Minn żmien għal żmien il-Kunsill Lokali jippubblika r-rivista tiegħu fejn kemm-il darba tingħad il-pożizzjoni finanzjarja. Matul din il-laqgħa tal-lokalità, fejn għaliha ta’ kull sena jkunu mistiedna r-residenti Dinglin kollha, issir spjega dettaljata tal-finanzi tal-Kunsill Lokali mill-Awditur.

<u>Infrastruttura</u>

F’dan il-qasam isir xogħol ta’ manutenzjoni regolari b’mod speċjali fuq it-toroq tal-kampanja. Saru wkoll xi trejqiet fil-kampanja sabiex jitjieb l-aċċess għall-bdiewa Dinglin, eżempju Triq tal-Kalkara. Dan jiffaċilità l-ħidma tagħhom b’mod speċjali fix-xhur tax-xitwa.

Sar ukoll *major patching* fi Triq tal-Lhudi u Triq il-Għajn. Sar *resurfacing* ta’ Triq il-Liedna u manutenzjoni fuq ir-*resurfacing* tas-servizzi kollha fi Triq Gużà Ellul Mercer, fejn f’din tal-aħħar tlestew xogħlijiet ta’ bankini. Saru wkoll bankini ġodda fi Triq Santa Marija.

Il-Kunsill Lokali kien kawtel ħafna f’dan il-qasam, u dan huwa dovut għad-diversi wegħdiet li saru mill-Gvern Ċentrali għal dan is-settur. Fil-budget tas-Sena 2009/10 il-Gvern ħabbar li kien ser jagħti l-possibilità lill-Kunsilli Lokali jipparteċipaw f’*Public Private Partnership* flimkien ma’ kuntratturi f’dan il-qasam.

Fil-fatt il-Kunsilli Lokali ta’ Ħad-Dingli għamel din it-talba li ġiet aċċettata u propju wara li l-kuntrattur ġie magħżul, saru l-permessi meħtieġa sabiex ix-xogħol jibda minnufih. Il-ħames toroq li ser ikunu qed isiru (*resurfacing* u bankini ġodda; ser isiru servizzi ġodda ta’ ilma u drenaġġ) fil-lokalità matul din is-sena huma:

- Triq il-Kbira (hija d-daħla prinċipali u waħdanija fil-lokalità – hija l-akbar triq ukoll)
- Triq il-Għajn (huwa l-ħruġ prinċipali mil-lokalità)
- Sqaq il-MUSEUM
- Ta’ Sabbat [ix-xogħol inbeda]
- Tal-Ħbula [ix-xogħol inbeda]

Dan huwa stmat li ser ikun l-akbar investiment infrastrutturali li qatt sar fil-lokalità ta’ Ħad-Dingli, total ta’ €300,000. Il-kuntratt jistipula li dawn it-toroq isiru fil-perjodu bejn Awwissu 2010 u Lulju 2011.

Saret applikazzjoni mal-MEPA sabiex jiġu utilizzati l-fondi tal-UIF, u dan bil-ħsieb li jinbnew mill-ġdid il-bankini ġewwa Phase 2 tal-Qasam tal-Bini. Din ġiet aċċettata u fil-jiem li ġejjin għandu jiġi ffirmat il-kuntratt u eventwalment isiru x-xogħlijiet.

Il-Kunsill Lokali għadu kemm lesta proċess ta' konsulatazzjoni pubblika fuq 5 zoni fejn huwa meħtieġ li jkunu implimentati *traffic junctions*. Fil-fatt diġa' saru dawk ta' Misraħ Suffara k/m Triq San Pawl tal-Pitkali u dik quddiem iċ-Ċimiterju.

Saret ukoll talba formali lill-MRRA sabiex isir tisbiħ fil-qalba tar-raħal. Ġew mibgħuta l-panti u stimi relatati. Ser inkunu qed insegwu din it-talba u f'każ ta' risposta fin-negattiv, ninfurmaw lill-pubbliku b'dan kollu.

Ġew aċċettati wkoll applikazzjonijiet sabiex taħt il-miżuri 313 u 323 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, sabiex isiru bosta proġetti żgħar fil-kampanja tagħna, li eventwalment jiffurmaw il-Heritage Trail madwar il-lokalità. Dawn l-applikazzjonijiet ġew kollha approvati mill-MEPA u fil-ġimgħat li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt flimkien mal-Paying Agency, liema kuntratt ra lill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli jieħu madwar €450,000 minn fondi Ewropej. Dawn il-proġetti ser ikunu qed isiru matul dawn is-sentejn li ġejjin.

Nemmnu li Ħad-Dingli għandha potenzjal turistiku kbir. Skont il-*Market Profile Survey* 2008 maħruġ mill-MTA, juri kif bejn is-sena 2003 u dik 2008, żaru l-lokalita' ta' Ħad-Dingli medja ta' 30% tat-turisti li jżuru pajjiżna fis-sena. Xejn inqas minn 2 Miljun turist żaru Ħad-Dingli u l-irdumijiet tiegħu.

Propju wara li l-Kunsill Lokali ġab id-devoluzzjoni ta' żewġt ikmamar fuq l-Irdumijiet, ħareġ it-Tender sabiex il-privat jibni u jmexxi ċ-Ċentru tal-Visitaturi għal dawn l-għaxar snin li ġejjin. Dan ser ikun l-ewwel xorta ta' investiment minn Kunsill Lokali f'Malta. Fix-xhur li għaddew ħarġu l-permessi meħtieġa mill-MEPA u nbeda ix-xogħol immedjatament. Huwa maħsub li dan iċ-ċentru jkun inawgurat aktar tard matul din is-sena.

## Ambjent u Indafa

Il-Kunsill Lokali żamm kuntatt regolari ma' *Administrative Law Enforcement Police* u d-direttorat tal-MEPA li huwa responsabbli mill-infurzar. Kemm-il darba ittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex isiru oġġezzjonijiet għall-iżvilupp propost jew ħidma li tkun saret jew għaddejja mingħajr il-permessi meħtieġa.

Għall-ewwel darba l-Kunsill Lokali daħal għall-kuntratt fejn it-tindif tat-toroq urbani fil-lokalità, fl-erba' snin li ġejjin ser ikunu qed jitnaddfu darbtejn fil-ġimgħa, bil-ħidma ssir mit-Tnejn sas-Sibt. Qabel dawn kienu jsiru mill-ħaddiem tal-Public Works li kien *seconded* mal-Kunsill Lokali. Dan issa ittieħed lura mill-MRRA. Għalkemm ix-xoghol kien isir xorta waħda, wieħed japprezza li ma kienx hemm ħidma regolari. Dan ser ikun ifisser li allura l-lokalità ta' Ħad-Dingli ser tkun tiggwadanja minn servizz eċċezzjonali ta' indafa fit-toroq.

Permezz tal-*handyman* tal-Kunsill Lokali, isir it-tindif fil-kampanja Dinglija. Dan jikkonsisti minn qtugħ ta' ħaxix u ġbir ta' skart goff li jintrema minn żmien għall-ieħor.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' ġbir ta' skart, hawn ukoll il-Kunsill Lokali kompla saħħaħ is-servizz tiegħu. Il-ġbir ta' skart goff minn kull min jitlob is-servizz qed isir fuq jumejn fil-ġimgħa (qabel kien nhar ta' Sibt biss); waqt li żdiedet ġurnata oħra ta' skart isseparat (issa it-Tlieta u l-Ġimgħa) u l-Bring in Sites telgħu għal 3 settijiet fil-lokalità tagħna.

Fir-rigward tas-servizz ta' skart domestiku, il-Kunsill Lokali daħal għal kuntratt ġdid għal dawn l-erba' snin li ġejjin. Hawn ukoll żammejna l-ġbir ta' nhar ta' Ħadd u l-Festi Pubbliċi nklużi sabiex ir-residenti jingħatalhom is-servizz kuljum. Sar ftehim mal-Kuntrattur il-ġdid ukoll sabiex fi żmien sitt xhur jinvesti f'vettura ġdida skont l-istandards Ewropej. Nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju huwa beda jagħmel użu minn vettura moderna u ġdida sabiex b'hekk tejjibna wkoll il-livell ta' servizz mogħti f'dan il-qasam ukoll.
Il-ġonna tal-lokalità ġew attrezzati bis-sistemi ta' CCTV's u ssir ż-żamma regolari tagħhom skont il-ħtieġa.

Ġew ukoll installati l-pannelli fotovoltajiċi fuq il-bini tal-Kunsilli Lokali, waqt li l-Kunsill Lokali għadu kemm nieda wkoll Strateġija ta' Ħidma għal dawn l-10 snin li ġejjin, bl-għan aħħari li l-lokalità tiżviluppa b'mod mill-aktar sostenibbli.

Saru wkoll diversi tħawwil ta' siġar fil-ġonna u kampanja Dinglija.

<u>Edukazzjoni għall-Ħajjitna</u>

Il-Kunsill Lokali f'dawn is-sentejn investa bil-kbir fil-qasam tal-Edukazzjoni. Saħħaħ il-korsijiet li kien diġà qed iwettaq waqt li introduċa diversi aspetti oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam tagħlim għall-ħajja. Saru għexieren ta' korsijiet u attivitajiet li saru fl-oqsma tal-Edukazzjoni, l-Arti, l-Kultura u Sports.

Il-Kunsill Lokali ukoll qed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-librerija pubblika, li matul dawn is-snin kompliet tikber bin-numru ta' kotba mixtrija, tinżel minn ġo nofs l-Iskola Primarja għall-klassi li tkun tagħti dirett fuq it-Triq il-Kbira. Dan sabiex titjieb l-aċċessibilità u anke tkun aktar viżibbli. L-għan huwa li aktar nies jitħajru jmorru jisselfu l-kotba.

Diversi residenti jagħmlu donazzjonijiet ta' kotba b'mod regolari, waqt li numru ta' kotba oħrajn jingħataw mill-Kunsill Lokali lill-istudenti f'okkażjonijiet varji bħal Jum il-Premjazzjoni.

Tfal mill-Iskola Primarja ta' kull sena jżommu appuntament mas-Sindku fejn flimkien miegħu jiddiskutu l-ħidma taż-żewġ partijiet.

<u>Ħarsien Soċjali</u>

Il-Kunsill Lokali reġa' daħal f'kuntratt ġdid ta' provista tat-trasport għal dawk l-anzjani li jżuru d-Day Centre. Dan is-servizz jingħata lill-anzjani bi problemi ta' mobbilità nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

B'mod kontinwu l-Kunsill jikkopera wkoll mal-Amministrazzjoni ta' dan iċ-ċentru permezz ta' festini f'diversi okkażjonijiet matul is-sena u attivitajiet varji.

Komplejna noffru wkoll is-servizz ta' *handyman* lill-anzjani li jinsabu waħedhom waqt li s-Sindku żamm l-appuntament ta' żjajjar regolari fil-festi, bħall-Milied, lil dawk l-anzjani li jinstabu weħidhom ġewwa djarhom.

Ta kull sena l-Kunsill Lokali dejjem offra s-servizz mingħajr ħlas ta' tilqim kontra l-influwenza mingħajr ebda ħlas.

Ġewwa l-bini Amministrattivi tal-Kunsill komplejna noffru s-servizz mingħajr ħlas ta' mili ta' formoli tal-passaport, Income Tax u VAT.

Il-ħidma mal-Għaqdiet lokali hija waħda kontinwa, fejn teżisti rabta b'saħħita u serena bejn il-partijiet.

Qrib il-Poplu

Permezz tar-Rivista u mezzi ta' komunikazzjoni oħrajn bħall-Website u Facebook, il-Kunsill Lokali jżomm kuntatt dirett mar-residenti b'mod kontinwu. Isiru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mar-residenti qabel jittieħdu ċertu deċiżjonijiet ta' importanza kbira.

Il-kuntatt mar-residenti jinżamm ukoll fid-diversi attivitajiet varji li huwa jtella' (eż. Il-Karnival, diversi Wirjiet Agrarji minn żmien għall-iehor, festi tal-Milied eċċ).